**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 66**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat - Kunsillier

**ASSENTI**
Martina Grech - Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

## 66.1 Approvazzjoni tal-Minuti

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 65, liema Minuti kienu ċċirkolati u meħuda bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati.

## 66.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**66.2.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li jinsab iddiżippuntat li l-għaqdiet ma bagħtu l-ebda rappreżentanza waqt il-laqgħa ddedikata liż-żgħazagħ, Għid Tiegħek. Il-Kunsillier irrimarkaw li mhux isir reklamar biżżejjed ta' dawn il-laqgħat, fost il-pubbliku u għaldaqstant issuġġerew li jintbagħtu flyers fid-djar.

**66.2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li aktar kmieni l-ġimgħa li għaddiet saret laqgħa ma' Bulletproof dwar il-proġett tal-Qormi Sports Complex. Is-Sindku spjega li z-zona se tkun aktar addattata għaż-żgħażagħ u adolexxenti, għaliex iz-zona tinsab bejn żewġ toroq arterjali li huma ta' periklu għal tfal żgħar. Is-Sindku nfurma li sar kuntatt mal-Perit tal-istess kumpanija li qed jaħdem fuq pjanti ġodda sabiex tiddaħħal DNO. Is-Sindku rringrazzja lill-Viċi Sindku Donnha Barbara li ħadmet qatigħ fuq dan il-proġett.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa kif se jkun qed jiġi ffinanzjat dan il-proġett. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara nfurmat li *Bulletproof* għandha bosta kuntatti u l-proġett se jkun qed jiġi sponsorjat minn bosta kumpaniji. Bħala Kunsill se jkun responsabbli li jnaddaf iż-żona u jagħmel bażi tal-konkos sabiex jitneħħa d-diżlivell eżistenti.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa hux għaqli li l-Kunsill japplika għal DNO meta m'hemmx ċertezza li l-proġett se jiġi ffinanzjat.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** ppreżentat it-*timeframes* li ressqu Bulletproof fejn qed jimmiraw li sa April 2024, il-proġett ikun lest.

66.2.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-ġimgħa d-dieħla se jibda x-xogħol ta' tibdil ta' *playing equipment* fi Ġnien Tumas Fenech.

66.2.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li wara xhur ta' stennija, se tkun qed tinħareġ it-tender għall-proġett ta' Ġnien l-Armier. Dan il-proġett li jiġi jiswa madwar € 340,000. Minħabba l-ispiża massiċċa, se nkunu qed napplikaw għall-*Urban Development Funds*.

66.2.5 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li saret laqgħa mal-Kuntrattur responsabbli mill-proġett ta' Triq San Bartolomew u nfurmana li għandu problemi mal-Perit tal-Kunsill. Kien għalhekk li tkellimna mal-Perit Ivan Giordano fejn se jkun qed jidħol għal dan il-proġett. L-istima hi ta' € 2800 mingħajr VAT. Il-Kunsill approva din l-istima.

66.2.6 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li dan l-aħħar avviċinawh xi Qriema fejn talbu li ssir plakka kommemorattiva sabiex tfakkar fejn kien jgħix it-Tabib tal-Gvern, Frank Muscat Manduca. Sid il-propjeta' tana l-approvazzjoni tiegħu sabiex din il-plakka tkun tista' ssir. (Indirizz 134 Triq San Bartolomew) Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li ma jistax jifhem għaliex għandha ssir plakka li tikkommemora persuna li kienet titħallas mill-poplu għal xogħol li kien dovut jagħmel.

Is-Sindku qal li Dr Muscat Manduca għamel bosta ġid fost il-komunita' qormija.

66.2.7 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li r-Reġjun Nofsinhar se jkun qed jagħmel 3ċieva3à' tal-għeluq tas-Sena Kulturali Reġjonali nhar l-1 ta' Diċembru fir-Razzett l-Antik. Dawk il-membri li jixtiequ jattendu huma mitluba jibgħatu email lis-Segretarju Ezekuttiv bin-nurmu ta' persuni li se jkunu qed jattendu.

66.2.8 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li fil-11 ta' Novembru se ssir Lejla ta' Rikonoxximenti mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, fl-okkażjoni tat-30 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Dawk il-membri li se jattendu huma mitluba jibgħatu email lis-Segretarju Ezekuttiv sa mhux aktar tard min-nhar il-Ġimgħa li ġej.

## 66.3 TENDERS

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li t-tender tal-Manutenzjoni ta' bankini li għalqet fid-29 ta' Settembru. Il-Kunsill rċieva żewġ bids u l-evaluation board qed jirrakkomanda li t-tender tingħata lill-orħos offerta, ossia lil Charles Baldacchino għas-somma ta' € 116,709. Il-kuntratt se jkun qed jiġi ffirmat għal sena li jista' jiġġedded għal 4 snin.

Il-Kunsill approva r-rapport ta' evalwazzjoni.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill għandu problema bil-kuntrattur li ħa t-tender tan-Non Urban fejn intalab li jibgħat il-lista ta' impjegati u minkejja l-bosta emails, din il-lista baqgħet ma waslet qatt.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-istess ħaġa ġrat bit-tender tal-Knis. Il-bidder li rebaħ it-tender ġie mitlub jibgħat il-lista ta' mpjegati u minkejja li tajnih 7 ijiem ċans, din il-lista baqgħet ma waslitx. Il-Kunsill mar għat-tieni bidder u l-istess, s'issa ma 4ċieva l-ebda risposta.

**Is-Sindku** nfurma li jekk il-Kunsill jibqa' mingħajr risposta l-offerta se tingħata lit-tielet bidder.

## 66.4 Applikazzjonijiet quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar

**66.4.1** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-applikazzjoni ta CenterParc se tiġi approvata żgur. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona li l-Kunsill jivvota kontra l-proġett sabiex iżomm konsistenza mad-deċizjoni tiegħu.

Il-Kunsill ippropona li l-Kunsill iżomm mad-deċiżjoni oriġinali tiegħu u jitlob li jsir il-ġnien imwiegħed sabiex il-viżwal ta' Ħal Qormi jinżamm.

**66.4.2** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill se jkun qed jerġa' japplika għall-permessi għar-restawr tal-Mitħna, minħabba li d-dokumenti ddaħħlu wara d-data li għalaq il-permess. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li dan il-każ ma jistax jiġi akkużat persuna

waħda għaliex il-Kunsill huwa konxju li d-dewmien kien mill-partijiet kollha u l-proċess tant kien kajman li ġie kollox ma kollox.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara talbet li tkun skużata (19:40)**

Il-Kunsillier Daniel Ablett talab li jkun skużat (19:50)

**66.5 Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku nfurma li s-sena li għaddiet il-Kunsill ikkummisjona madwar € 10,000 lill-kuntrattur privat sabiex idawwal it-toroq tal-lokalita'. Is-Sindku spjega li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill se jkun qed jikkummissjona s-somma ta' € 5000 għal din is-sena.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li t-tiżjin tal-Milied jiġi kkummissjonat kif ġej:

| | |
|---|---|
| Għaqda Soċjo-Muzikali Anici | € 600 |
| Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri | € 600 |
| Kumitat Festi Esterni | € 600 |
| Għaqda Armar San Sebastjan | € 1600 |

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-€ 5000 li se jkunu qed jiġu ffrankati mingħand il-Kuntrattur jingħataw lill-għaqdiet sabiex iżidu l-armar kif ġej:

| | |
|---|---|
| Għaqda Soċjo-Muzikali Anici | € 500 |
| Kumitat Festi Esterni | € 500 |
| Għaqda Armar San Sebastjan | € 1800 |
| Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri | € 800 |

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li bħalissa s-stwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma tiflaħx li jinħarġu dawn il-flejjes u l-Kunsill għandu jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu qabel jieħu deċiżjoni.

Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku sabiex jiġu ffinanzjati l-għaqdiet kif propost mis-Sindku.

**66.6 Diffikultajiet Finanzjarji tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill jinsab għaddej minn diffikultajiet finanzjarji. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill

tnaqqsitlu s-somma ta' € 130,000 li ngħatat lir-Reġjun sabiex ikun possibbli jħallas il-ġbir tal-iskart riċiklat u l-ġbir tal-ħġieġ. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill ma jistax jibqa' jonfoq flejjes mingħajr bżonn u għandu jara li jitħallsu biss il-konijiet relatati ma' servizzi tad-dawl u telefonija, il-pagi tal-impjegati u dawk il-kontijiet għal servizzi essenzjali bħalma huwa l-ġbir ta' skart u tindif.

Waqt diskussjoni bejn il-membri ssemmiet il-kwistjoni tal-kontijiet tal-ġbir tal-iskart, fejn il-membri ma setgħux jifhmu kif il-Kunsill tnaqqsitlu l-allokazzjoni tal-iskart u qed ikun obbligat jibqa' jħallas għal tali servizz. Għaldaqstant il-membri qablu li għalissa l-kontijiet relatati mal-ġbir tal-iskart ma jitħallsux.

**66.7 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Ezekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2023.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni tal-iSkeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Marvin Zammit ssekonda.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**66.8 Rapporti mill-Kumitati**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat li se tkun qed tinżamm laqgħa dwar il-Kura tas-Saqajn nhar it-Tlieta 7 ta' Novembru fis-6.00p.m. fis-sala tal-Kunsill.

**66.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2023

Konfermati, illum 30 ta' Novembru 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |